**Fit-Tribunal tal-Konsumatur**

Fl-atti tat-Talba CCT 168/22/F

**Lynne u Warren Scicluna Frendo**

***vs***

**Edwin Petroni – Petroni Limited**

Illum, 26 ta' Frar, 2024

**It-Tribunal:**

Ra l-Avviż tat-Talba ppreżentat mir-Rikorrent nhar is-7 ta' Novembru 2022;

Ra r-Risposta ippreżentata mill-azjenda intimata nhar id-9 ta' Diċembru 2022;

Sema' x-xhieda bil-ġurament;

Ra d-dokumenti kollha eżebiti mill-Partijiet;

Ra li skont il-verbal tas-seduta tal-20 ta' Marzu 2023, Warren Scicluna Frendo ġie inkluż bħala Rikorrent u dan ai fini ta' integrità tal-ġudizzju;

Sema' s-sottomissjonijiet tal-Partijiet;

Ra li t-Talba tħalliet għas-sentenza.

**Ikkonsidra:**

Illi permezz tat-talba tagħhom, ir-Rikorrenti qed jitolbu li l-azjenda intimata tiġi ordnata tissostitwixxi *30 cm cupboard* u bieba tad-*dishwasher* li hija ordnat mingħand l-azjenda intimata u dan a bażi tal-premessa li l-kulur ta' dawn l-elementi ta' għamara ma jaqbilx mal-kulur ta' elementi oħrajn tal-istess ditta « Home Cucine » li r-Rikorrenti kienu xtraw qabel.

Illi mill-banda l-oħra, in suċċint, fir-Risposta ppreżentata minnha, l-azjenda intimata issostni li t-Talba hija infondata fil-fatt u fid-dritt għax il-prodott konsenjat lir-

Rikorrenti kien skont l-ordni u hija ma ġġorr l-ebda ħtija li l-kulur ma qabilx ma għamara aktar antika li kellhom ir-Rikorrenti u li kienu xtrawha mingħand terzi li kienu jimportaw id-ditta « Home Cucine » qabel. Issostni ukoll li mir-ritratti provduti mir-Rikorrenti stess, jirriżulta li għandom il-*bottom cupboards* ta' mudell partikolari filwaqt li t-*top cupboards* huma ta' mudell ieħor. Finalment, issostni li hija ma tista' toffri l-ebda' rimedju lir-Rikorrenti f'dan l-istadju ladarba għażlu li jagħmlu *stop-payment* taċ-ċekk minjekka li żammew il-prodotti.

Illi jiġi immedjatament sottolineat li mir-ritratti eżebiti, huma manifest *ictu oculi* li l-kulur tal-prodotti konsenjati ma jaqbel xejn ma dak tal-kċina eżistenti tar-Rikorrenti. Illi tajjeb jiġi nnotat ukoll li kontro-talba għall-ħlas mill-azjenda intimata ma saritx f'dawn il-proċeduri.

**Ikkonsidra:**

Illi r-Rikorrent Lynne Scicluna Frendo spjegat fix-xhieda tagħha li meta ġew konsenjati l-elementi in kwistjoni, dawn kienu siġillati fil-plastik u hija ffirmat id-*delivery note* u għaddiet ċekk lill-adett tal-azjenda intimata. Kien biss wara li fetħet il-packing u fliet sewwa l-affarijiet li ndunat li kien hemm diverġenza qawwija fil-kulur. Kien għalhekk li hija kkuntattjat lill-azjenda intimata u meta rat li l-ilment tagħha ma ttieħidx bis-serjetà, iddeċidiet li tagħti struzzjonijiet lill-Bank tagħha sabiex jitwaqqaf iċ-ċekk li hija kienet ħallset bih lill-azjenda intimata.

Illi Chantelle Cassar, *sales assistant*, ġiet prodotta mill-azjenda intimata. Ikkonfermat li hija kienet uriet is-*sample* tal-kulur « brown » lir-Rikorrenti u mliet il-formoli hi personalment li imbagħad iffirmaw ir-Rikorrenti sabiex daħlet l-ordni. Tispjega ulterjorment li fil-fehma tagħha, il-kċina li kellhom ir-Rikorrenti mhux veru kienet tal-mudell « Olimpia » iżda mudell ieħor kompletament differenti u dan għax saħansitra lanqas il-mod kif maħdumin il-panewi ma jikkombaċa.

Illi fix-xhieda tiegħu, Edwin Petroni, Direttur tal-azjenda intimata, ftit li xejn jagħti informazzjoni relevanti għax ma kienx involut personalment fl-ordni in kwistjoni. Isostni mill-banda l-oħra li ma jistgħux ir-Rikorrenti jippretendu rimedju mingħandu ladarba għażlu li ma jonorawx il-pagament.

Illi r-Rikorrenti eżebew korrispondenza mal-manifattur fl-Italja « Home Cucine ». Minn dawn jirriżulta li l-mudell ta' kċina « Olimpia » mhux offrut bil-kulur « frassino scuro » u allura huwa probabbi li l-bibien tal-kċina tar-Rikorrenti kienu minn xi mudell ieħor li kien disponibbli fil-kulur « frassino scuro ».

Illi mir-ritratti eżebiti mir-Rikorrenti stess huwa ovvju li l-*bottom cupboards* tal-kċina tar-Rikorrenti huma ta' mudell partikolari filwaqt li t-*top cupboards* huma ta' mudell ieħor tant li l-panewijiet huma maħduma b'mod differenti.

Illi t-Tribunal fela sewwa imejl mibgħuta minn Stefano Da Rui f'isem « Home Cucine » lill-azjenda intimta fil-5 ta' Awwissu 2022 fejn fiha jagħti din l-ispjegazzjoni:

> "*I looked at the picture with some other colleagues and they helped me recognise that the kitchen dating back from 2015 is not an Olimpia, that is the model Ciacola, which has been discontinued, so probably here's the main issue...even though the original order is an Olimpia, the doors are 100% Ciacola*".

Illi stabbilit il-premess, huwa relevanti ukoll li meta ffirmaw u kkonfermaw l-ordni, ir-Rikorrenti kienu konsapevoli li qed jiġi ordnat il-kulur « brown » meta l-ordni oriġinali tal-kċina seba snin qabel kien fil-kulur « frassino scuro » u għalhekk, ċertament ma setgħu jippretendu l-ebda garanzija li l-kulur kien ser jaqbel eżatt wara tant żmien.

Illi intant, jekk kien hemm xi ineżattezzi fil-modi kif saret l-ordni dawn huma attribwibbli lil ħadd ħlief Mirage Holdings Limited li forniet il-partijiet oriġinali tal-kċina seba snin qabel u l-azjenda intimata ma ġġorr l-ebda ħtija ta' dan għax konsenjat prodott eżattament kif ordnat mingħandha.

Illi a bażi tas-suespost, huwa ċar li t-Talba tar-Rikorrenti fil-konfront tal-azjenda intimata mhux mistħoqqa u għalhekk ser tiġi mwarrba.

**Deċizjoni:**

**Għaldaqstant, għar-raġunijiet spjegati, u fiċ-ċirkostanzi tal-każ, wara li ra l-Kapitolu 378 tal-Liġijiet ta' Malta, it-Tribunal jaqta' u jiddeċiedi din it-Talba billi jiċħadha.**

**L-ispejjeż kollha jitħallsu mir-Rikorrenti.**

**Avv. Mattia Felice**
***Arbitru***